

Brussell, 13 ta' April 2021  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0207(COD)

---

---

7584/21  
ADD 1

CODEC 488  
JAI 361  
INF 77  
CADREFIN 162  
FREMP 82  
JUSTCIV 57  
DROIPEN 69  
COPEN 170

#### NOTA PUNT "I"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 ( <b>l-ewwel qari</b> ) - Deċiżjoni li tintuża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill = Dikjarazzjonijiet

---

#### Dikjarazzjoni mill-Bulgarija

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tappoġġa l-għan tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri biex jiġu protetti u promossi d-drittijiet u l-valuri kif minqax fit-Trattati tal-UE u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, inkluż billi jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sabiex jiġu sostnuti soċjetajiet miftuħa, demokratiċi u inklużivi.

Nirrikonoxxu li l-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika għandha tiġi appoġġata mill-Programm u li l-promozzjoni tal-prevenzjoni, il-protezzjoni u l-appoġġ tal-vittmi huma prijoritajiet tal-Unjoni li jgħinu biex jiġu ssodisfati d-drittijiet fundamentali tal-individwi.

Fl-istess ħin, ninnutaw li l-Unjoni Ewropea ma aderietx mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) u din il-Konvenzjoni mhijiex parti mil-liġi tal-UE. Għalhekk, kwalunkwe referenza għall-Konvenzjoni ta' Istanbul fir-Regolament ma tistax tinftiehem li timplika xi impenn għall-UE u l-Istati Membri tal-UE li jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni.

### **Dikjarazzjoni mill-Ungerija**

Matul in-negozjati, l-Ungerija esprimiet diversi drabi tħassib fir-rigward tal-abbozz ta' regolamenti li jistabbilixxu l-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri u l-Programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2021-2027 u wkoll ma tistax tappoġġa t-testi finali tagħhom.

Rigward l-abbozz ta' regolament li jistabbilixxi l-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri għall-perijodu 2021-2027 u l-abbozz ta' regolament li jistabbilixxi l-programm dwar il-Ġustizzja għall-perijodu 2021-2027, l-Ungerija hija tal-opinjoni li minħabba nuqqasijiet fir-rigward tal-bażi ġuridika (speċjalment dwar il-linja tal-"valuri tal-Unjoni", kif ukoll tal-linja tal-"involviment u l-parteċipazzjoni taċ-Ċittadini" tal-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri), tal-ambitu xejn ċar li mhux limitat għall-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (inkluż referenzi għal trattati internazzjonali li mhumiex ratifikati mill-Unjoni), tal-fokus fuq l-appoġġ ta' tip wieħed speċifiku ta' entitajiet eliġibbli (l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili), minflok ma l-fokus ikun fuq il-proġetti sostanzjali, kif ukoll minħabba r-referenza għall-kunċetti li mhumiex konformi mal-formulazzjoni tat-Trattati, tkun meħtieġa reviżjoni sostanzjali tal-abbozzi tar-regolamenti. L-Ungerija hija impenjata bis-sħiħ li tipproteġi d-drittijiet fundamentali u l-valuri Ewropej, inkluż il-promozzjoni tas-soċjetà ċivili u t-trattament indaqs.

L-Ungerija ssostni li r-rekwiżiti bażiċi taċ-ċertezza legali, il-prinċipju tal-ġhoti tal-kompetenzi u l-konformità mat-Trattati b'mod ġenerali għandhom jiġu rrispettati sabiex tiġi evitata l-impressjoni li l-fehmiet politiċi u ideoloġiċi jista' jkollhom impatt waqt id-definizzjoni tal-prijoritajiet tal-finanzjament tal-UE.